MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 37/2004

Angelo sive Angelus Curmi .

VS

Direttur Registru Pubbliku .

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi :

Illi l-attur Angelo sive Angelus Curmi twieled fin-Nadur, Ghawdex fis-sitta (6) ta’ Jannar elf disa’ mija tmienja u tletin (1938) u l-att tat-twelid tieghu gie registrat fir-Registru ta’ Ghawdex bin-numru progressiv mija u tnejn tas-sena elf disa’ mija tmienja u tletin (102/1938)(Dok ‘A’) ;

Illi fl-istess att tat-twelid isem l-attur gie imnizzel bhala ‘Angelus’ u dan nonostante illi l-genituri tieghu riedu li isem l-attur ikun ‘Angelo’ ;

Illi di piu’ l-attur dejjem kien maghruf ossia msejjah bl-isem ta’ ‘Angelo’ u di fatti anke fil-passaport mahrug lilu kien imnizzel bl-isem ‘Angelo’ (Dok ‘B’) .

Talab lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti ;

1. Tordna korrezzjoni fl-att tat-twelid numru mija u tnejn tas-sena elf disa’ mija tmienja u tletin (102/1938) billi fil-kolonna “Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” kif ukoll fil-kolonna “Ismijiet moghtija” l-isem ‘Angelus’ jigi sostitwit bl-isem ‘Angelo’ .

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghalih minn issa inti ingunt.
Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess attur ikkonfermata bil-gurament tieghu .

Rat id-dokumenti annessi ma’ l-istess citazzjoni, u cioe’ bhala dokument ‘A’ kopja tac-certifikat tat-twelid numru mija u tnejn tal-elf disa’ mija tmienja u tletin (102/1938) li hija kopja tac-certifikat tat-twelid ta’ l-istess attur; u bhala dokument ‘B’ kopja tal-passaport tieghu .

Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut, illi ggib id-data tas-sebgha (7) ta’ Mejju elfejn u erbgha (2004) .  Innutat illi l-istess konvenut minkejja din in-notifika baqa’ kontumaci .

Semghet lill-attur fl-udjenza tal-lum, jikkonferma l-kontenut tad-dikjarazzjoni tieghu, u l-fatt illi huwa minn dejjem kien maghruf bl-isem ta’ ‘Angelo’, u hekk jiffirma f’kull dokument fejn tehtieg il-firma tieghu, kif jirrizulta wkoll mill-kopja tal-passaport tieghu, dokument ‘B’, a fol sitta (6) tal-process .

Il-Qorti ghal hekk, u peress illi jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifika, tiddecidi l-kawza billi tilqa’ l-istess talba attrici, u tordna l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru mija u tnejn tas-

sena elf disa’ mija tmienja u tletin (102/1938), billi fil-kolonna “Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” kif ukoll fil-kolonna “Ismijiet moghtija” l-isem ‘Angelus’ jigi sostitwit bl-isem ‘Angelo’ .

Minhabba n-natura ta’ din il-kawza ma ghandux ikun hemm spejjez .
S3704Pc

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------